**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA' REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum L-Erbgha, 24 ta' Ottubru, 2018**

Numru 25

**Appell Nru. 24/2018**

**Joseph Cassar ghan-nom ta'**
**Gozo Prestige Holdings Ltd**

**vs**

**L-Awtorita tal-Ippjanar**
**(gia l-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell tal-Awtorita tal-11 ta' Mejju 2018 mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tat-3 ta' Mejju 2018 rigward applikazzjoni PA 3798/02 'construction of a destination port comprising a hotel, a yacht marina and a tourist village';

Rat ir-risposta tal-applikant li ssottometta li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

Ikkunsidra:
Illi dan l-appell jirrigwardja proposta tal-izvilupp fi stadju ta' outline ghall-bini ta' kumpless turistiku u lukanda f'sit f'Hondoq ir-Rummien fil-limiti tal-lokalita' tal-Qala, Ghawdex.

Illi l-appellanti b'mod preliminari resqu 'l quddiem zewg aggravji li huma s-segwenti:
1. Dritt fundamentali ghal smigh xieraq minn tribunal imparzjali u fi zmien ragonevoli;
2. Sottomissjoni ta' Pjanti Godda

L-ewwel aggravju:
Illi l-ewwel aggravju huwa bbazat fuq zewg kwistjonijiet procedurali ossia; (i) perjodu mhux adegwat bejn in-notifika tal-laqgha u d-data tal-laqgha tal-Bord tal-Ippjanar sabiex l-applikant ikun f'posizzjoni li jkollu l-ahjar difiza fil-laqgha tal-Bord; u (i) membru tal-Bord tal-Awtorita' li huwa vici-sindku tal-Kunsill Lokali Qala u persuna nteressata direttament kontra l-applikazzjoni, u ghaldaqstant c-cirkostanzi li bih instemghet u giet deciza l-applikazzjoni twassal ghal ksur tad-dritt fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq.

Illi kemm l-Awtorita' u l-Kunsill Lokali tal-Qala bhala persuna nterressata u kunsulent estern sostnew illi l-applikant (illum lappellant) kien inghata perjodu sufficcjenti ta' 17-il gurnata li fihom setgha jipprepara l-kaz tieghu imma ghazel li ma jressaq ebda sottomissjoni bil-miktub b'risposta ghal-case officer report fit-terminu moghti lilu skont l-ligi ghal dan il-ghan.

Illi l-Awtorita' sostniet illi l-estensjoni tat-terminu kif mitlub fih innifsu huwa wiehed li qed jikser il-ligi u ghaldaqstant kien ser ikun ukoll lez id-dritt tieghu ghal smiegh xieraq. Mhux korrett l-appellant illi ma kellux zmien adegwat sabiex iressaq is-sottomissjonijiet tieghu billi kellu jikkonsulta numru ta' esperti meta r-rapporti ta' tali esperti kienu gja disponibbli lill-Bord tal-Awtorita' illi gew meqjusa fid-determinazzjoni ta' l-istess applikazzjoni.

Illi kemm l-Awtorita' kif ukoll il-Kunsill Lokali tal-Qala ghamlu referenza ghar-regolmaneti 12 u 13 tal-AL 162 tal-2016, fejn talewwel jipprovdi sabiex ic-Chairperson Ezekuttiv jipprezenta r-rapport tal-case officer lill-Perit u lill-applikanti li minn naha taghhom ikollhom ghaxart-ijiem ghar-risposta bil-miktub; filwaqt li t-tieni regolament jahseb ghall-appuntament tal-ewwel laqgha tal-Bord tal-Ippjanar li ghandha tigi ffissata fi zmien 100 jum mid-data tal-validita tal-applikazzjoni li ser tigi deciza.

Konsiderazzjonijiet:
1. Zmien Ragonevoli ghas-sottomissjonijiet qabel is-seduta tal-Bord tal-Ippjanar:
Illi fl-ewwel lok irid l-ewwel jigi kunsidrat liema regolamenti ta' proceduri kellhom japplikaw fil-kaz odjern, tenut illi l-applikazzjoni odjerna kienet prezentat fis-sena 2002, f'liema zmien kien hemm diversi bidliet fil-ligijiet u regolamenti tal-Ippjanar tal-Izvilupp.

Illi l-applikazzjoni giet finalment deciza mill-Bord tal-Ippjanar kif imwaqqaf skont il-Kapitolu 552. Illi qabel ma gie preparat ilcase officer report ghal din l-applikazzjoni, gew fis-sehh regolamenti dwar il-procedura skont il-ligi sussisdjaraju 552.13, ossia l-Avviz Legali 162 tal-2016.

Minn naha l-ohra l-istess regolamenti jahsbu ghal dispozizzjonijiet transitorji rigward l-applikabilita' tal-istess regolamenti skont l-
Arikolu 1 sub-inciz (3) li jipprovdi dan li gej:
"(3) Għal dawk l-applikazzjonijiet li:
(a) ġew sottomessi lill-Awtorità qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti u li ma jinkludux innumru tal-mobile u, jew l-indirizz elettroniku tal-applikant jew tar-rappreżentant tiegħu, li m'għandux ikun il-perit responsabbli mill-applikazzjoni, l-Awtorità għandha tinnotifika lill-applikant b'dan ir-rekwiżit permezz ta' ittra u l-applikant għandu jipprovdi din l-informazzjoni fi żmien xahrejn mid-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti u finnuqqas l-applikazzjoni tkun meqjusa bħala taċitament irtirata mill-applikant;
(b) għadhom mhux validati sad-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, l-applikant għandu jiġi notifikat b'ittra sabiex jindika lill-Awtorità, fi żmien xahrejn min-notifika, jekk l-applikant jixtieqx li l-applikazzjoni tibqa tiġi pproċessata, f'liema eventwalità jekk l-applikant jikkonferma l-interess tiegħu l-applikazzjoni tiġi proċessata taħt id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti u jekk ma tingħata ebda konferma, l-applikazzjoni tiġi meqjusa bħala taċitament irtirata mill-applikant;
(ċ) ġew validati qabel l-2011, l-applikant għandu jiġi informat permezz ta' ittra sabiex jissottometti linformazzjoni mitluba fi żmien xahrejn, u fin-nuqqas l-applikazzjoni tiġi meqjusa bħala taċitament irtirata mill-applikant. L-ittra għandha tinforma lill-applikant illi ċ-Chairperson Eżekuttiv għandu japplika d-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-2010 dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp (Proċedura ta' applikazzjonijiet u d-Deċiżjoni Relattiva) għal dawk l-applikazzjonijiet li jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-ittra;
(d) ġew validati bejn l-ewwel ta' Jannar tas-sena 2011 u d-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, dawk lapplikazzjonijiet għandhom jibqgħu jiġu proċċessati taħt ir-Regolamenti tal-2010 dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp (Proċedura ta' Applikazzjonijiet u d-Deċiżjoni Relattiva), sal- kompilazzjoni tar-rapport."

Illi fil-kaz odjern, kellhom japplikaw id-dispozizzjoni 3(c) tenut illi l-applikazzjoni de quo kienet applikazzjoni validata qabel lewwel ta' Jannar 2011. F'dan il-kaz, ic-Chairman Ezekuttiv kellu jinforma lill-applikant li ser "japplika d-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-2010 dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp (Proċedura ta' applikazzjonijiet u d-Deċiżjoni Relattiva)."

Illi tali dispozizzjoni kellha thalli element ta' certezza li f'kaz ta' applikazzjonijiet validati qabel is-sena 2011 kellhom japplikaw irregolamenti ta' procedura tal-2010 f'kull stadju tal-applikazzjoni nkluz fi stadju ta' decizjoni – u hawnhekk tidher ukoll iddifferenza fil-proceduri fil-kaz ta' applikazzjonijet li gew validati fis-sena 2011 imma qabel id-dhul tar-regolamenti tas-sena 2016 skont id-dispozizzjoni 3(d) sucitat.

Minn ezami tal-inkartament tal-applikazzjoni odjerna ma jirrizulta mkien illi c-Chairperson Ezekuttiv informa lill-applikant skont id-dispost tar-regolament 1 sub-inciz 3(c) tal-AL 162 tal-2016. Fil-fatt jirrizulta li skont tali disposizzjoni transitorja, lapplikazzjoni odjerna kellha tigi processata a bazi tar-regolament tas-sena 2010 u

mhux dawk tas-sena 2016. Ghaldaqstant jirrizulta nuqqas ta’ procedura li trendi l-istess process mid-data tad-9 ta’ Mejju 2016 meta gew fis-sehh ir-regolamenti ta’ procedura tas-sena 2016 wiehed null.

2. Smiegh xieraq minn Bord tal-Ippjanar imparzjali:
Illi dwar nuqqas ta’ smiegh xieraq minn Bord imparzjali tenut il-prezenza ta’ Membru tal-Kunsill Lokali tal-Qala li dan tal-ahhar kien oggezzjonant ghall-izvilupp odjern, it-Tribunal jinnota li l-gurisdizzjoni tieghu hija limitata skont dak li jipprovdi l-Kap 551, ossia li jisma u jiddeciedi appelli minn decizjonijiet tal-Awtorita’ tal-Ippjanar jew tal-Awtorita’ ghall-Ambjent u r-Rizorsi. Ghalhekk kif tajjeb indikaw kemm l-Awtorita’ u t-terzi persuni nterresati, dan it-Tribunal mhux il-forum propizju jew adattat sabiex jigu kontestati kwistjonijet ta’ natura civili jew kostituzzjonali.

Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi limitatemnt milqugh a bazi ta’ dak kunsidrat minn dan it-Tribunal.

It-Tieni Aggravju:
Illi f’dan l-istadju jkun inutli li dan it-Tribunal jikkunsidra tali aggravju tenut illi qed jigi dikjarat li l-process huwa wiehed null u ghaldaqstant id-decizjoni tal-Bord tal-Awtorita fil-laqgha tat-30 ta’ Gunju 2016 hija ukoll nulla u bla effett.

Ta’ minn izied illi l-konsiderazzjoni dwar liema procedura kellha tigi addotta ghall-izvilupp odjern jinciedi ukoll fuq ilkonsiderazzjoni ta’ accettazzjoni o meno ta’ bdil fl-proposta tal-izvilupp tenut illi skont id-dispozizzjonijiet transitorji li dahhlu fissehh fl-Avviz Legali 126 tal-2016 japplikaw dawk ir-regolamenti tal-2010 fir-rigward tal-applikazzjoni odjerna.

Decide;
Ghal dawn il-motivi, dan it-Tribunal qed jilqa’ b’mod limitat l-ewwel eccezzjoni tal-appellant, b’dan illi qed jigi dikjarat null ilprocess kollu tal-applikazzjoni PA 3798/02 mid-data tal-9 ta’ Mejju 2016, u konsegwentament qed jiddikjara null u bla effett iddecizjoni tal-Bord tal-Ippjanar tat-30 ta’ Gunju 2016 u ghaldaqstant qed ihassar in-notifika tar-rifjut tat-13 ta’ Lulju 2013.

Jordna sabiex l-process tal-applikazzjoni jigi rimessa lura sa qabel l-istadju tal-case officer report, u jordna lic-Chairperson Ezekuttiv sabiex jibghat l-ittra bl-informazzjoni skont id-dispost tar-regolament 1 sub-inciz (3)(c) qabel ma l-applikazzjoni tkompli tigi kunsidrata u deciza skont il-ligi.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ dan l-appell.

**Ikkunsidrat**

L-aggravju tal-appellant hu s-segwenti:

1. Id-decizjoni tat-Tribunal hi nulla in kwantu ultra u/jew extra petita billi t-Tribunal iddecieda dwar kwistjoni li qatt ma intalab jiddeciedi dwarha.

Hu principju ormai assodat fil-gurisprudenza illi t-Tribunal ta' Revizjoni ghandu l-funzjoni li jiddeciedi appelli mressqa quddiemu b'referenza ghall-aggravji maghmula u r-risposti prezentati. It-Tribunal mhux parti fil-proceduri u ghalhekk irid joqghod ferm attent li ma juzax poteri jew diskrezzjoni li l-ligi ma taghtihx. Il-qies u l-limitu tal-poteri tat-Tribunal huma marbuta ma' dak mitlub fl-appell u l-parametri tal-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal iridu jintrabtu ma' dak li bih l-appellant ihossu aggravat mid-decizjoni tal-Awtorita. Ma jfissirx b'daqshekk illi f'cirkostanzi eccezzjonali t-Tribunal ma jistax iqajjem kwistjonijiet ta' principji ta' ordni pubbliku fejn it-Tribunal ihoss li ma jistghux jigu skartati, injorati jew mhux osservati nonostante s-skiet tal-partijiet pero dan ghandu jsir b'cirkospezzjoni u b'rispett lejn id-dritt tal-partijiet li jissottomettu b'mod ampju u miftuh ghal kull kwezit jew pregudizjali mressaq mit-Tribunal.

Trattat il-kwistjoni mill-punto di vista ta' principju regolatur imiss li l-Qorti tikkunsidra x'sehh f'dan l-appell. L-applikant appella mir-rifjut tal-applikazzjoni da parti tal-Awtorita. L-appell tieghu mill-aspett legali preliminari kien ibbazat fuq zewg aggravji l-ewwel wiehed li ma kellux smigh xieraq. Dan l-aggravju gie sostanzjat bl-allegazzjoni li t-terminu moghti lilu skond l-Avviz Legali 162/2016 li kien jimponi terminu minimu ta' ghaxart ijiem bejn id-DPA report u s-smigh quddiem l-Awtorita u dan ma kienx jaghti bizzejjed zmien lil applikant jipprepara ruhu biex jikkontrobatti l-istess rapport u jtella x-xhieda quddiem it-Tribunal. It-tieni aggravju ta' appell kien rigward l-applikazzjoni o meno tal-Avviz Legali 514/2010 rigward is-sottomissjoni ta' pjanti godda. Dawn kienu l-unici aggravji mressqa.

Sorprendentament it-Tribunal ikkunsidra l-Avviz Legali 162/2016 u qies li skont ir-regolament 1(3)(c) ic-chairman ezekuttiv kellu jinforma b'ittra lil applikant skond ma hemm preskritt fl-istess artikolu. In oltre ghal applikazzjonijiet li gew validati qabel l-2011 kellhom japplikaw id-dispozizzjonijiet tar-regolamenti tal-2010 dwar l-ippjanar tal-izvilupp u mhux dawk tas-sena 2016, u ghalhekk il-process li intuza ghad-decizjoni tal-applikazzjoni hi nulla.

Din il-kunsiderazzjoni maghmula mit-Tribunal ma issib riskontru f'ebda aggravju maghmul jew sottomissjoni li ingiebet minn xi parti. Lanqas jirrizulta li tali pregudizjali

giet sottomessa mit-Tribunal waqt id-dibattitu fl-appell. Jidher anzi li l-partijiet iddibattew il-kwistjoni tas-smigh xieraq fuq dak li kien jipprovdi l-Avviz Legali 162/2016 minghajr ma xi parti qies jew issottometta li tali Avviz Legali ma kienx applikabbli ghal kaz. Il-konsiderazzjonijiet u konsegwenti konkluzjoni raggunta mit-Tribunal kienet ultra petita dak mitlub li jikkonsidra u dan iwassal ghal ezitu inevitabbli illi d-decizjoni tat-Tribunal hi nulla.

It-Tribunal imbaghad qies il-kwistoni ta’ smigh xieraq mill-perspettiva tal-prezenza ta’ membru tal-Kunsill Lokali tal-Qala fuq il-Bord tal-Ippjanar liema Kunsill kien oggezzjona ghall-izvilupp. Appati li t-Tribunal qies li dan ma kienx il-forum ideoneju biex wiehed jiddibatti kwistjonijiet civili jew ta’ natura kostituzzjonali, hawn ukoll it-Tribunal ma indirizzax l-ilment ta’ nuqqas ta’ smigh xieraq kif maghmul mill-appellant u ghar-raguni msemmija minnu.

Din il-Qorti ma ghandha ebda ghazla hlief li tiddikjara d-decizjoni tat-Tribunal nulla billi d-decizjoni ma tirrispekkjax risposta ghall-aggravi tal-appellant u minflok giet deciza fuq dak li ma intalabx jew li tqajjem mit-Tribunal waqt l-appell.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qed tannulla d-decizjoni tat-Tribunal ta’ Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tat-3 ta’ Mejju 2018 u tibghat l-atti lura lit-Tribunal biex jerga’ jisma u jiddeciedi l-appell in linea mal-ilmenti migjuba quddiemu meta sar l-appell. Spejjez fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur